**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, POALA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal- Laqgħa Nru. 5/2010

Data u hin

**Il- laqgħa Nru 5/2010 tal- Ewwel Amministrazzjoni saret nhar it-Tlieta, 2 ta' Novembru 2010 fis-6pm fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

Attendenza

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **President, Sindku Tarxien** |
| **Is-Sur Joe Attard** | **V/President, , Sindku Zejtun** |
| **Is-Sur Joseph Casha** | **Sindku Isla** |
| **Is-Sur Joseph Scerri** | **Sindku Bormla** |
| **Is-Sur Anthony Degiovanni** | **V/Sindku Fgura** |
| **Is-Sur Nigel Holland** | **Sindku Furjana** |
| **Is-Sur Michael Cohen** | **Sindku Kalkara** |
| **Is-Sur Francis Debono** | **Sindku Marsa** |
| **Is-Sur Tony Valvo** | **Sindku Xghajra** |
| **Is-Sinj. M'Lourdes Lautier** | **Segretarju Ezekuttiv** |

**Skuzati**
**Sindku – Kunsill Lokali Valletta**
**Sindku – Kunsill Lokali Marsaskala**
**Sindku – Kunsill Lokali Poala**

**Assenti**
**Sindku – Kunsill Lokali Birgu**
**Sindku – Kunsill Lokali Zabbar**
**Sindku – Kunsill Lokali M'Xlokk**

**Il-President, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 5.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.2/2010 mizmuma fit-13 ta' Settembru, 2010, tal-Laqgha Nru.3/2010 mizmuma fit-13 t' Ottubru 2010 u tal- Laqgha Nru. 4/2010 mizmuma fil-21 t' Ottubru, 2010 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kumitat jekk kienux korretti.

Il- Kumitat approva l-Minuti li ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 5.2 Punti mqajjma mill-Kommunikazzjoni

**5.2.1** Il-President irrefera ghall-e-mail mibghuta mill-MEPA fid-29 t' Ottubru 2010 lis-Segretarju Ezekuttiv – MEPA TALKING POINT – li wara giet mibghuta lil kull Kunsill minhabba l-importanza taghha ghar-Regjun Xlokk, specifikament *Fort St.Elmo and Environs Development Brief* u l-ohra *Revision to the Grand Harbour & South Malta Local Plan – Phase 2*. MEPA

Dawk prezenti gew imhegga biex jikkonsultaw sew dwarha u li jressqu l-proposti taghhom sad-*dead-lines* indikati fl-istess e-mail. Barra minn hekk *Revision to the Grand Harbour & South Malta Local Plan – Phase 2* ghandha tigi wkoll diskussa fil-Laqgha Regjonali li jmiss.

**5.2.2** Ir-rapprezentant li kien mahtur biexjikkomunika f'isem ir-Regjun Xlokk mal-Kummissarju tat-Tfal, is-Sindku ta' Bormla informa lil dawk prezenti li s' issa ghad ma kien hemm l-ebda laqgha mas-Sinjura Helen D'Amato, izda hu previst li dalwaqt ser jiltaqghu. Kummissarju tat-Tfal

**5.2.3** **LES** LES

Dawk prezenti gew mgharrfa mill-President dwar korrispondenza u laqghat li kien hemm dwar id-Dokument tat- Tender ta' LES mill-ahhar laqgha. Il-process tal-preparazzjoni tat-Tender issa wasal fil-fazi finali.
Dawk kollha prezenti regghu gibdu l-attenzjoni u wrew preokkupazzjoni taghhom dwar dawk il-kuntratti li ser ikunu ghadhom *in vigore*. Ghad hemm nuqqasijiet minn naha ta' l-Istakeholders Committee, izda issa jidher car ir-rwol guridiku tar-Regjun.

Saret referenza ghall-laqgha informali li saret nhar it-13 t' Ottubru 2010, li nzammet spontanjament minn dawk prezenti, wara li ma kienx hemm quorum ghall-Laqgha tar-Regjun.

Is-Sindku tal-Furjana qal li jidher li l-LES ser thalli gid tangibbli.
Is-Sindku tal-Kalkara semma li bhala Regjun mhux qed jinghata deligi godda izda semplicement qeghdin jigu trasferiti mill-Kunsilli Lokali.
Il-Vici President qal li l-kunsilli dejjem haddmu l-finanzi ghall-interess tal-lokal taghhom u li ghanda ssir proposta sabiex porzjoni mid-dhul imur lura ghand il-Kunsilli.
Hawn il-President qal li ma jara xejn hazin li jekk ikun hemm introjtu tajjeb mis-sistema, parti mid-dhul jinqasam bejn il-Kunsilli li jifformaw parti mir-Regjun.
Zied jghid li jekk isir hekk, dawn il-flus ghandhom jinqassmu

proporzjonalment skond kif ikun dahlu mill-kontravenzjonijiet.
Is-Sindku tal-Kalkara kompla jghid li l-Kunsilli jiehdu flus mill-Gvern Centrali barra li jigbru flus huma, ghalhekk il-Kunsilli ghandhom jiddeciedu xi jsir minn dawn il-flus li jigbru u hekk ghandu jsir fil-kaz tar-Regjun.
Hu fil-kompitu tal-ligi jekk ir-Regjun jiddeciedi jekk izommx il-flus kollha jew li jghaddi minnhom lill-Kunsilli.
Il-Vici President qal li l-finanzi ser isiru forma ta' taxxa li torigina mir-Regjun sabiex ikun jista jopera.
Is-Sindku tal-Kalkara qal li r-Regjun ser jiggenera tajjeb u ghalhekk wara li jaghmel l-obbligi tieghu ghandu jiddetermina xi jsir mill-flus - ez. Kampanji fil-kunsilli.
Il-Vici Sindku tal-Fgura semma li l-kontravenzjonijiet johorgu mill-ligi nazzjonali u ghandha ssir kampanja edukattiva dwar l-ECO wardens.
Il-Vici President staqsa jekk wara LES, ir-Regjun hux ser jinghata r-responsabilita' tal-Istreet Lightening ?
Il-Vici Sindku tal-Fgura qal li kuntratti kbar ahjar minn kuntratti fragmentati.
Is-Sindku tal-Kalkara qal li l-kunsilli ghandhom jirrezistu li s-sistema ta' street lightening tghaddi f' idejn ir-Regjun.

Is-Sindku tal-Furjana reggha qajjem il-problema tal-Furjana, tal-Belt Valletta u tal-Marsa rigward il-kuntratti li ghad ghandhom in vigore u sostna li r-Regjun ghadu jzomm it-tlett Tribunali Lokali, u jkun ir-Regjun li jiddeciedi kif ser ihaddem din is-sistema.
Kompla mieghu is-Sindku tal-Kalkara u qal li l-President ghandu jikteb lill-LES Management Committee dwar dan il-fatt li n-numru ta' Tribunali ghandu jkun a diskrezzjoni tar-Regjun.
Dwar il-kuntratti li ghadhom in vigore, il-partijiet involuti ghandhom joqghodu madwar mejda u jigi diskuss kif dawn ser jigu trasferiti ghas-sistema l-gdida. Wiehed irid jara hemmx proviso fil-ligi dwar d-delega, biex tispicca mill-Kunsill u tmur ghar-Regjun. Barra minn hekk min ser jiehu l-flus dovuti ghall-kontravenzjonijiet li ser ikun hemm sal-hrug tat-tender ?
Il-Vici President ukoll qabel li r-Regjun ghandu jiddeciedi dwar in-numru ta' Tribunali Lokali u tal-Authorised Officers.

**5.2.3.1.** Waqt din id-diskussjoni mqanqla, is-Sindku tal-Furjana ressaq mozzjoni fejn ippropona li r-Regjun Xlokk ghandu jzomm it- tlett (3) Tribunali Lokali, kif fil-fatt hemm issa. Din il-mozzjoni giet issekondata mis-Sindku tal-Marsa. Saret votazzjoni u ghaddiet b' mod unanimu fuq il-principju. Il-President ordna li tintbaghat korrispondenza f' dan is-sens lic-Chairman tal-LES Management Committee u lill-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Mozzjoni

Peress li ftit minuti biss qabel issejhet din il-laqgha, kien dahal kopja tat-tender tal-LES permezz ta' e-mail ghand il-President, s-Sindku tal-Kalkara issugerixxa li l-membri ghandhom ikollhom c-cans jaraw dan id-dokument matul il-gimgha fl-ufficju tas-Segretarju Ezekuttiv u li jkollom l-assistenza ta' l-Authorised Officers.

**5.2.4 Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun Xlokk**

Ufficju Amministrattiv

Il-President semma dwar korrispondenza li ghaddiet lid-Dipartiment specjalment dwar id-dewmien biex ir-Regjun jidhol fl-ufficju tieghu, meta wiehed iqis li Regjuni ohra diga' qeghdin f' posthom.
Giet a konoxenza tieghu li wara l-ahhar korrispondenza, ufficjali dipartimentali zaru l-post pjanat fiz-Zejtun. Zied jghid li jekk ser ikun hemm aktar dewmien (process li ilu ghaddej minn Novembru 2009), bi hsiebu johrog talba ghal kiri ta' post alternattiv, izda wiehed irid iqis ukoll li flus m' hemmx. Meta mistoqsi dwar x' jikkonsisti l-ufficju pjanat fiz-Zejtun, is-Sindku taz-Zejtun stqarr li kull ma fih hu mejda u siggu.

## 5.3 Affarijiet Finanzjarji

**5.3.1 Pagamenti ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2010**

Pagamenti

Il-President ressaq ghall-attenzjoni tal-Kumitat zewg Schedule of Payments, ghax-xahar ta' Settembru 2010 u ghax-xahar t' Ottubru 2010, markati Dok '**SP1**' u '**SP2**' rispettivament u li gew approvati minn dawk pezenti.

Allokazzjoni ta' flus ghar-Regjun

5.3.2. Dawk prezenti gew mgharrfa mill-President, li d-Dipartiment wara li ghadda lir-Regjun is-somma ta €10,000, issa permezz ta' e-mail mis-Sur Silvio Frendo mibghut fit-28 t' Ottubru 2010, qed jitlob lir-Regjun lista ta' spejjez li huwa previst li jkollu sa l-ahhar ta' din is-sena. Wara li jinqatghu is-salarji u l-honorarii dovuti prattikament ma jibqa xejn minn din is-somma. Barra minn hekk hemm bzonn ta' xiri ta' laptop ghas-Segretarju ezekuttiv, pendrive, scanner/printer/copier u ta' servizz ta' Accountant.

Hlas lill-Agent Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun

5.3.2 Dwar il-hlas dovut lill-Agent Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Maurice Mallia, gie stabbilit li hu ghandu jipprezenta lill-Kumitat *timesheet* indikanti s-sieghat mahduma u x-xoghol li wettaq f'dawk il-hinijiet biex wasal ghal dik ic-cifra.

Allowance

5.3.4 Il-President semma li kif hemm allowance ghas-Sindki hemm ukoll honoraria ghall-President tar-Regjuni. Ghandha ssir proposta sabiex ikun hemm ukoll allowance ghall-President biex jigu koperti certu spejjez addizzjonali (bhal loss of earnings) li jistghu .jigu rimbursati mid-dhul generat mir-Regjun; hekk kif ikun hemm dhul sostanzjali ghandu jkun hemm ukoll allowance ghal membri kollha.

Servizz ta' Accountant

5.3.5 Peress li dalwaqt ir-Regjun ser jibda jiggenera dhul sostanzjali, il-President issugerixxa li r-Regjun ghandhu jkollu servizz ta' Accountant.

## 5.4 Affarijiet Ohra

**5.4.1** Il-President, wara li fit-tieni laqgha kien ssugerixxa li ghanda titnieda kompetizzjoni biex jinholoq logo ghar-Regjun Xlokk, informa lil dawk prezenti, li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, gew preparati linji gwida li jkunu t' importanza ghal min jidhol ghal din il-kompetizzjoni. Dawn il-punti ser jigu ccirkolati lil Kumitat permezz ta' e-mail ghall-*feedback* taghhom. Kompetizzjoni Logo ghar-Regjun

**5.4.2.** Is-Sindku tal-Kalkara tkellem dwar l-importanza li s-Sindki jew rapprezentati taghhom li jattendu regolari ghall-laqghat tar-Regjun minhabba decizjonijiet li jkunu jridu jittiehdu. Ghandhu jkun hemm linji cari, u s-Sindki ghandhom jaghmlu mezz li jattendu b' aktar hegga sabiex il-funzjoni tar-Regjun tirnexxi. Kunsill ibghati meta ma jattendix, ix-xoghol irid jibqa ghaddej xorta, u fuq kollox decizjonijiet li jittiehdu jorbtu lil min jattendi kif ukoll li min ma jattendiex. Attendenza

Il-Vici-President semma avveniment li ser jinzamm Malta fl-2018 re Cultural City/Town u r-Regjun ghandhu minn issa jindaga hux ser ikun involut. Avveniment 2018

## Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.15pm.
Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 25 ta' Novembru, 2010 fis-6.00pm fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** | **M L Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti Approvati llum ________________, _______ ta'___________________2010.
(Jum) (Data) (Xahar)